**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 999/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**kontra**

**Gorancho Buchkov**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Gorancho Buchkov** ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Ljupcho u Vesna xebba Drlanova, ta' nazzjonalita' Bulgara, imwieled ġewwa Skopje, Maċedonja, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), residenti fl-indirizz numru għoxrin (20), Marlene Apartments, Flat numru sebgħa (7), Triq l-Iskuna, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-permess ta' residenza bin-numru 0198250A, li ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta tas-sagħtejn u wieħed u għoxrin minuta (02:21hrs) ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Gudja:-

1. Daħal f'żona ristretta ġewwa l-Ajruport mingħajr il-permess tal-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni, u tal-Awtorita' responsabbli għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew persuna li taġixxi f'isem dak il-Kap jew dik l-Awtorita' u skond kull kundizzjoni li bis-saħħa tagħha ikun għal dak iż-żmien inħareġ dak il-permess;

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, daħal f'żona ristretta mingħajr ma kellu *security pass* jew awtorizzazzjoni temporanja bil-miktub maħruġa mill-Kap tas-Sigurta fl-Avjazzjoni;

Rat illi fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputat debitament assistit rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għalhekk fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu li hija waħda netta, kif ukoll il-fatt li huwa kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Qieset ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, mhux tali li jimmeritaw piena ta' priġunerija.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 11(1)(a), 12(1) u 17(1) tal-Att dwar Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili, Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Gorancho Buchkov** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk huwa

jwettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reati trattati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta’ l-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata ta’ din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara